MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 165/2004

**Baketech Supplies & Services Limited**

**vs**

**Delicious Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma kumplessiva ta' tlett elef u tlett mija u tlieta u erbghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM3,343.51,0), minnha dovuta, rapprezentanti import ta' seba' kambjali in kwantu ghall-ewwel sitt (6) kambjali ta' hames mitt Lira Maltin, (Lm500.00,0), -il wahda u in kwantu ghall-ahhar kambjala ta' tlett mija**

**u tlieta u erbghin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM343.51,0), liema kambjali gew minnha ffirmati u skadew rispettivament fl-1 ta' Marzu tas-sena 2003; fl-1 ta' April tas-sena 2003; fl-1 ta' Mejju tas-sena 2003; fl-1 ta' Gunju tas-sena 2003; fl-1 ta' Lulju tas-sena 2003; fl-1 ta' Awissu tas-sena 2003 u fl-1 ta' Settembru tas-sena 2003, liema kambjali baqghu ma thallsux;**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata Novembru tas-sena 2003, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv li min issa hija hija ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Frar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------